Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 583/2016

Il-Pulizja

Vs

Mario Pisani

Illum 28 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mario Pisani detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 3268 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xhur t' April u ta' Mejju, 2016 fil-Gzejjer Maltin:

1. Diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat.

2. Naqas milli jaghti lil Carmen Mangion, is-somma ta' € 349.50, ffissata min dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteninment ghal uliedu u/jew martu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Novembru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 u 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Mario Pisani, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Dicembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma in kwantu ghall-htija, hija tirrevoka il-piena inflitta ghal wahda iktar idonea u inqas harxa li tirrispekkja c-cirkustanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-istess artikolu 338 (z) tal-Kapitolu 9 jifforma parti minn Taqsima III 'Fuq il-Kontravvenzjonijiet u l-Pieni – Titolu I 'Fuq il Kontravvenjonijiet' tal-Kap 9 u ghalhekk ghandhom japplikaw ghalih il-pieni dwar il-kontravvenzjonijiet. Izjed minn hekk, l-istess artikolu 338 (z) jghamilha cara, '*Iżda wkoll meta l-ħati jkun reċidiv f' kontravvenzjoni taħt dan il-paragrafu l-ħati jista' jeħel piena ta' detenzjoni ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn euro jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahrejn.*' Dan jaghti lil wiehed x' jifhem li l-piena ta' detenzjoni, ghalkemm taqa' taht wahda mill-pieni limitati ghall-kontravvenzjonijiet, ossia d-detenzjoni, ammenda jew ic-canfira jew it-twiddiba u dan ai termini tal-artikolu 7

(2) tal-Kap 9, wiehed jinghata x'jifhem li s-sanzjoni tad-detenzjoni hi riservata ghall-provvediment specjali f' kaz ta' recediva hawn imsemmi. Fil-kaz odjern huwa ovvju li l-appellanti ma kienx recidiv w allura ma kienx idoneju li jigi kkundannat ghal gimgha detenzjoni.

2. Illi l-appellanti qatt ma kellu xi intenzjoni li jinjora xi ordni ta' Qorti kompetenti skont il-Ligi u n-nuqqas ta' hlas ta' manteniment irrizulta mill-fatt li kien hemm arrangement vigenti bejnu u bejn il-*parte civile* u b'sens ta' lealta' l-esponenti hass li ma kienx hemm esigenzi li jirikkorri ghall-ghajnuna tal-Qorti. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt li l-minuri li ghaliha hu dovut il-manteniment kienet marret ghamlet perjodu ta' disgha (9) xhur tirrisjedi ma' l-esponenti. Minkejja dan it-tibdil fic-cirkostanzi, il-komparenti genituri kienu waslu fi ftehim verbali li l-missier ma kienx ser jaghmel rikors quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex l-omm tivversa manteniment. Madakollu, gie maqbul li ghal dak il-perjodu li l-minuri tqatta' tghix mal-missier, il-manteniment jigi pacut b' perjodu simili hekk kif appena l-minuri terggha tmur tirrisjedi ma' l-omm. Gara illi filwaqt li l-omm ma vversatx manteniment ghal dak il-perjodu li l-minuri kienet qeghda tghix mal-missier, bi zleata qawwija, hekk kif il-minuri marret tghix ma' l-omm u wiehed stenna li dak il-perjodu jigi pacut u jikkorispondi ghaz-zmien li giex ivversat mantniment, l-omm marret dritt l-Ghassa u ghamlet dak li kellha taghmel b' dizonesta' kbira ghal dak li kien gie maqbul bejn il-partijiet.

3. Illi, fl-umli fehma tal-appellant, meta l-Ewwel Qorti giet biex timponi l-piena, hija naqset li tikkonsidra li l-appellant huwa bniedem serju hafna u ta' l-affari tieghu li zgir li ma jixraqlux li jigi kkunsidrat u jghaddi mas-solitu stereotip ta' missier li jaghmel kull tentattiv biex jevadi mill-obbligi finanzjarji tieghu. Illi l-appellanti huwa bniedem professjonista u il-fatt li spicca rinfaccjat b' dawn il-proceduri kien proprju rizulta ta' manuvra dannigguza min-naha tal-*parte civile* li

zgur li ma kienx jimmeritaha. Tant hu hekk li tali detenzjoni mhux ser tirrizulta biss hlief fi hsara inutili f' hajjet l-appellanti u ma tista qatt twassal ghall-effetti riformattivi mixtieqa mil-Ligi specjalment fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti jinsab akkuzat illi naqas milli jissomministra l-manteniment lil martu ghax-xhur ta' April u Mejju 2016. Illi l-lanjanza imqanqla fl-appell minnu intentat hija marbuta mal-piena inflitta fuqu mill-Ewwel Qorti billi huwa ma jikkontestax is-sejbien tal-htija tieghu ghal dan ir-reat kontravvenzjonali lilu addebitat li *del resto* gie minnu ammess in prim'istanza.

Illi in segwitu ghall-ammissjoni minnu maghmula l-Ewwel Qorti ghaddiet biex ikkundannatu gimgha detenzjoni. Issa l-appellanti jilmenta illi l-piena tad-detenzjoni hija prevista f'din id-disposizzjoni espressa tal-ligi li tirregola dan ir-reat meta l-awtur tieghu ikun recidiv, akkuza li ma kenitx tirrizulta fil-konfront tieghu u lanqas gie akkuzat bl-istess addebitu.

Ikkunsidrat,

Issa dak li donnu sfugga lill-appellanti, ghalkemm ghandu ragun f'dak imfisser fl-aggravvju imqanqal minnu, huwa li gie akkuzat bil-kontinwita tar-reita' u dan kif previst fl-artikolu 18 tal-Kap.9 billi l-infrazjoni ma kenitx wahda u unika izda baqghet isehh f'perijodu sussegwenti.

Sabiex reat ikun wiehed kontinwat, jehtieg li jikkonkorru tlett rekwiziti, cioe',
(1) diversi azzjonijiet li jivvjolaw l-istess disposizzjoni tal-ligi;
(2) li gew maghmula f'okkazzjonijet differenti;

(3) li gew maghmula dejjem bl-istess risoluzzjoni jew intenzjoni kriminuza biex tinkiser dik l-istess disposizzjoni tal-ligi.

Fuq kollox:

**"Ir-reat kontinwat huwa finzjoni legali krejata essenzjalment ghall-beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi komminata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi.[1]"**

Dan ghaliex l-artikolu 18 jippostula illi:

**"Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala <u>reat wieħed</u>, imsejjaħ <u>reat kontinwat</u>, iżda l-piena tista' <u>tiżdied minn grad sa żewġ gradi</u>."** (sottolinjar tal-Qorti)

Illi ma hemmx dubbju illi l-intenzjoni ta'l-appellanti kienet wahda u unika u cioe' illi huwa ma ihallasx il-manteniment dovut biex b'hekk sehh il-ksur ta'l-istess disposizzjoni tal-ligi. Dan ifisser allura illi billi l-appellanti ma kienx akkuzat bl-addebitu tar-recidiva, l-Ewwel Qorti ma setghetx tghaddi biex tapplika id-disposizzjonijiet imfassla fil-proviso ghall-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9, izda billi kienet qed tinstab htija ghall-kontinwita tar-reat fl-ambitu ta'l-artikolu 18, b'applikazzjoni ta'l-artikolu 31(g), l-piena kellha

[1] Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri – App. Inf – (per Imhallef Lino Agius) – 30/10/2001

tizdied minn grad  sa tnejn biex b'hekk allura kellha titla' ghal dik tal-multa jew tal-prigunerija ghal mhux iktar minn tlett xhur.

Issa l-appellanti jishaq illi huwa ma hallasx il-mantenimenmt dovut ghal perijodu indikat fl-akkuza u f'zewg akkuzi ohra li qed jigu decizi kontestwalment ma' dan l-appell billi ghal perijodu ta' disgha xhur il-minuri kienet qed tghix mieghu u ghalhekk deherlu li l-obbligu tieghu ghal hlas tal-manteniment seta' jieqaf u mhux ghaliex huwa kellu xi intenzjoni jikser xi ordni tal-Qorti. Fil-fatt illum huwa ihallas il-manteniment b'mod regolari u fadal biss il-pendenzi ghax-xhur mertu ta'l-akkuzi li dwarhom kien hemm din il-kontestazzjoni.

Illi madanakollu l-Qorti tigdbed l-attenzjoni ta'l-appellanti ghal dak li tghid id-dottrina  *in subjecta materia* meta jinghad:
"*... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat anke f'kaz li persuna tisfa bla xoghol,* (jew ghal xi raguni ohra plawzibbli) *dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontavenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet.*" (Il-Pulizija versus Anthony Saliba deciza fil-15 ta' Lulju 1998; ara ukoll Pulizija versus Alfred Camilleri, 18 ta' Settembru 2002, u Il-Pulizija versus Lawrence Mifsud, 15 ta' Ottubru 2009).

Issa l-artikolu 7(2) tal-Kodici Kriminali jipprevedi illi:
**Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi liġi specjali ohra, il-pieni li jistghu jigu  moghtija ghall-kontravvenzjonijiet huma - (a) id-detenzjoni; (b) l-ammenda; (ċ) iċ-ċanfira jew it-twiddiba."**

L-artikolu 31(g) imbaghad jistabilixxi illi:

**"it-tlugħ mill-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet isir għall-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur."**

Illi allura billi huwa minnu illi fl-akkuza ma hemmx ikkontemplata ir-recidiva tal-appellanti, madanakollu billi, kif inghad, jezistu l-elementi kollha mehtiega bil-ligi ghall-applikazzjoni ta'l-artikolu 18 allura z-zieda mill-piena tal-kontravvenzjonijiet ghandu ikun fil-fehma tal-Qorti ghal dik tal-multa jew li tnaqqas il-liberta personali sa massimu ta' tlett xhur kif previst fl-artikolu 31(g) hawn fuq iccitat.

Maghdud dan madanakollu billi l-appellanti illum qieghed ihallas l-manteniment b'mod regolari hija il-fehma ta' din il-Qorti illi fl-eventwalita illi ikun hemm piena restrittiva tal-liberta allura tinsorgi biza rejali illi l-appellanti ma jonorax dan l-obbligu u ma ikunx jista' iwettaq l-impenn tieghu li mhux biss ikompli ihallas il-manteniment, izda anke dawn l-arretrati li fadallu ihallas lill-martu mertu ta' dan il-kaz. Illi l-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha x'kien il-hsieb tal-legislatur meta introduca dina l-kontravvenzjoni fil-kodici penali taghna bil-penali horox li iggorr maghha.

Illi gie deciz: *"L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi."*[2]

Ghalhekk indubbjament f'dan il-kaz hemm lok ghal temperament fil-piena .

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma in parti s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonfermaha ghal dak li

[2] Il-Pulizija va Publius Said – 25/09/2003 App.Inf

jirrigwarda l-htija, tirriforma l-piena inflitta u minflok dik ta' gimgha detenzjoni, tillibera lill-appellanti taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum. Wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tikkundanna lill-appellanti ihallas lil martu Carmen Mangion s-somma ta' €699 u dana bhala kumpens ghall-manteniment ghax-xhur indikati fl-akkuza li baqa' ma giex effetwat, u dan fi zmien tlett xhur mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur